

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv, tali provvista għandha għaldaqstant titqies li hija preżenti fl-istadji kollha ta' katina ta' tranżazzjonijiet li tħinkludi kumpannija intermedjarja, fejn il-katina ta' tranżazzjonijiet tkun akkumpanjata minn kuntratt f'kull stadju, iż-żidha l-utent tal-vettura biss għandu d-dritt li jiddeċiedi dwar kwistionijiet bħall-kwantità, il-ħin tax-xiri u l-post tal-iċċarġjar, kif ukoll kif l-elettriku għandu jintuża?

(<sup>1</sup>) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

**Appell ippreżzentat fit-8 ta' Frar 2023 mir-Repubblika Franċiża mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Id-Disa' Awla Estiża) fit-23 ta' Novembru 2022 fil-Kawżi magħquda T-279/20 u T-288/20,  
CWS Powder Coatings et vs Il-Kummissjoni, u l-Kawża T-283/20, Billions Europe et vs  
Il-Kummissjoni**

(Kawża C-71/23 P)

(2023/C 127/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż u l-Ingliż*

### **Partijiet**

**Appellant:** Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: B. Fodda, J.-L. Carré, G. Bain, aġenti)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea, CWS Powder Coatings GmbH, Billions Europe Ltd, Cinkarna Metalurško-kemiċna Industrija Celje d.d. (Cinkarna Celje d.d.), Evonik Operations GmbH, Kronos Titan GmbH, Precheza a.s., Tayca Corp., Tronox Pigments (Holland) BV, Venator Germany GmbH, Brillux GmbH & Co. KG, Daw SE, Ettengruber GmbH Abbruch und Tiefbau, Ettengruber GmbH Recycling und Verwertung, TIGER Coatings GmbH & Co. KG, Conseil Européen de l'Industrie Chimique – European Chemical Industry Council (Cefic), Conseil Européen de l'Industrie des Peintures, des Encres d'Imprimerie et des Couleurs d'Art (CEPE), British Coatings Federation Ltd (BCF), American Coatings Association, Inc. (ACA), Mytilineos SA, Delfi-Distomon Anonymos Metalleytiki Etaireia, Sto SE & Co. KGaA, Rembrandtin Coatings GmbH, ir-Renju tad-Danmarka, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tal-Isvezja, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, ir-Repubblika tas-Slovenja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Novembru 2022, fil-Kawżi maqħquda T-279/20 u T-288/20, CWS Powder Coatings et vs Il-Kummissjoni u fil-Kawża T-283/20, Billions Europe et vs Il-Kummissjoni;
- tiddeċiedi hija stess it-tilwima u tiċħad ir-rikorsi mressqa fl-ewwel istanza minn CWS Powder Coatings GmbH, minn Billions Europe Ltd, minn Brillux GmbH & Co. KG u minn Daw SE fil-Kawżi T-279/20, T-283/20 u T-288/20, jew, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kawżi ma humiex fi stat li jiġu deċiżi, tibgħat lura l-kawżi quddiem il-Qorti Ġeneral;
- tikkundanna lil CWS Powder Coatings GmbH, lil Billions Europe Ltd, lil Brillux GmbH & Co. KG u lil Daw SE għall-ispejjeż.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, il-Gvern Franċiż jinvoka erba' aggravji:

L-ewwel aggravju: billi kkwalifikat l-istudju Heinrich bħala "studju deċiżiv", il-Qorti Ġeneral, minn naħa, żnaturat il-provi mressqa quddiemha u, min-naħa l-oħra, wettqet żball ta' liġi peress li injorat il-prinċipji stabbiliti mir-Regolament Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanzi bħala karċinoġeni, jiġifieri l-prinċipju ta' evalwazzjoni tas-saħħa probatorja tad-data u l-eżami tal-informazzjoni utli l-oħra kollha bil-għan li sustanzi bi proprjetajiet karċinoġeniċi għall-bniedem jiġu kklassifikati f'kategoriji differenti ta' perikolu.

It-tieni aggravju: il-Qorti Ġeneral li qabżet il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju billi marret lil hinn minn evalwazzjoni ta' żball manifest u ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-Aġenċija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi b'dik tagħha stess.

It-tielet aggravju: il-Qorti Ġeneral li naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqha.

Ir-raba' aggravju: il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-punt 3.6.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekli li sustanza tista' titqies li hija intrinsikament kapaċi li tikkawża l-kanċer jekk il-karċinoġeniċità ta' din is-sustanza timmanifesta ruħha fil-preżenza ta' ċerta kwantità ta' partiċelli.

(¹) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/CE u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1).

## **Appell ippreżentat fl-10 ta' Frar 2023 minn Kurdistan Workers' Party (PKK) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) fl-14 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-182/21, PKK vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-72/23 P)**

**(2023/C 127/31)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### **Partijiet**

**Appellant:** Kurdistan Workers' Party (PKK) (rappreżentanti: A.M. van Eik, T. Buruma, avukati)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tgħaqqad dan l-appell mal-appell ippreżentat taħt in-numru ta' reġistrazzjoni C-44/23 P;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-14 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-182/21;
- tagħti sentenza finali fil-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dan l-appell u tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/142 tal-5 ta' Frar 2021 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1132 (¹) u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/138 tal-5 ta' Frar 2021 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2020/1128 (²); id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1192 tad-19 ta' Lulju 2021 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/142 (³) u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1188 tad-19 ta' Lulju 2021 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2021/138 (⁴); u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/152 tat-3 ta' Frar 2022 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192 (⁵) u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/147 tat-3 ta' Frar 2022 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2021/1188 (⁶), sa fejn dawn jikkonċernaw lill-PKK (magħruf ukoll bħala KADEX u KONGRA-GEL);
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-kontenzjuż tal-appellant li jirriżultaw minn dan l-appell u mill-Kawża T-182/21 flimkien mal-interessi.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant jissottometti li l-Qorti Ġeneral żbaljat fis-sentenza kkontestata fuq dawn il-punti:

1. Il-Qorti Ġeneral żbaljat fil-liġi dwar l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 1(3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (⁷) (iktar 'il quddiem il-“PK 931” fir-rigward b'mod partikolari tal-interpretazzjoni mogħtija għall-“għanjiġiet” fiha u l-applikazzjoni tagħha għall-kawża. Il-Qorti Ġeneral kkonkludiet b'mod żbaljat li l-motiv li jallega ksur tal-Artikolu 1(3) PK 931 għandu jiġi miċħud.